# Dun Frans Camilleri
## (1919-1990)

*minn Claudette Casha*

Naħseb li kulħadd sema' b'dan is-saċerdot maħbub u artist li ismu hu marbut ma' għadd ta' innijiet tal-quddiesa, innijiet tal-festi u innijiet tal-baned.

Dun Frans Camilleri twieled fil-Marsa nhar id-29 ta' Jannar 1919 minn Ġanni Camilleri u Ġużeppina mwielda Barbara. Meta Frans kien tifel kien abbati fil-Knisja ta' San Gejtanu. Huwa studja fl-iskola Primarja tal-Gvern, f'St. Paul's School, is-Seminarju tal-Furjana u għadda l-aħħar erba' snin fl-Università ta' Malta għall-Kors tat-Teoloġija. Ħa l-quddiesa fl-1943. Huwa ried jiddedika ħajtu għal Alla u għall-oħrajn għal dejjem kif kiteb huwa stess fil-poeżija *Sacerdes in Aeternum.*

Kif Dun Frans ġie kkonsagrat saċerdot il-ħidma tiegħu letterarja u soċjali ma qatgħet xejn. Sakemm ħa l-quddiesa kien membru *f'Milites Christi Regio;* għal għaxar snin kien Assistent Ekklesjastiku ta' l-Irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika; Assistent Ekklesjastiku tal-Każin tal-Banda ta' San Gejtanu; Direttur Spiritwali tal-Ħamrun Spartans; Direttur Spiritwali tal-Chorus Melitensis, tal-Playing Fields Association u tal-Legion of Mary. Huwa kien ukoll membru tal-Kummissjoni Emigranti. Kien editur ta' *Il-Ħuġġieġa* u *Lil Ħutna.*

Dun Frans kellu wisq għal qalbu l-ilsien Malti. Kien il-Profs. Ġużè Aquilina li ħajru jikteb bil-Malti. Din il-ħeġġa u l-kuntatt li kellu mal-poplu ħajruh biex iktar jikteb bil-Malti. Dun Frans kien jgħallem il-Malti fil-Kulleġġ San Alwiġi B'Kara u fis-Seminarju tal-Furjana. Huwa kien ħa sehem fil-ġlieda għall-għarfien ta' lsien il-poplu bħala l-ilsien uffiċċjali ta' Malta. Għal din il-ħidma, Dun Frans ġie maħtur Membru ta' l-Akkademja ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1943 u sena wara nħatar membru tal-Kunsill ta' din l-għaqda.

Beda jikteb ta' 16-il sena. Għall-ewwel il-kitba tiegħu kienet versi. Meta ġie mistoqsi x'kien li ġiegħlu jikteb l-innijiet huwa qal :

> *"Billi fi żmien il-gwerra ħafna innijiet kienu miktuba u jitkantaw bit-Taljan, ilsien li l-art tiegħu kienet fi gwerra ma' Malta, ħafna Kappillani u nies oħra talbuni biex nikteb innijiet bil-Malti."*

L-innijiet ġew maħduma id f'id mas-Surmast J. Abela Scolaro F.L.C.M li mmużika l-biċċa l-kbira ta' l-innijiet ta' Dun Frans. L-aktar innu popolari huwa l-innu uffiċċjali ta' San Pawl li ndaqq u tkanta fl-okkażjoni tad-19-il Ċentinarju tal-miġja ta' San Pawl f'Malta, fl-1960.

Il-versi ħfief u mexxejja li Dun Frans kiteb għat-tfal għollewh u qegħduh fuq pedestall fost iż-żgħażagħ tagħna. Il-poeżija għat-tfal kitibhom għax ħass li meta wieħed jeduka liż-żgħar ikun qed jgħin u jaqdi dmiru bħala ċittadin.

Dun Frans kiteb għadd kbir ta' poeżiji li ġew ippubblikati fi tliet kotba-*Moħba tal-Qalb* (1945), *Fil-Ġnejna tat-Tfulija* (1948) u *L-Għanja ta' Ħajti* (1964). Kellu wkoll ktieb jismu *Innijiet* (1948) u ġabra ta' essejs bl-isem ta' *Lejn id-Dawl* (1950).

Rebaħ bosta Diplomi ta' proża kif ukoll ta' poeżiji mill-konkors li kien iniedi l-Pronostiku Malti. Ħafna mix-xogħol ta' Dun Frans inqraw minnu stess fil-*Ġabra Letterarja* minn fuq ir-Rediffusion.

Il-kitbiet ta' Dun Frans kellhom saħansitra għarfien barra minn Malta. Kien ġie mistieden minn assoċjazzjoni f'Kalifornja biex jieħu sehem f'pubblikazzjoni bl-isem *Great Living Poets of the World.*

L-arti f'Dun Frans spikkat mhux biss f'kitbiet iżda wkoll fil-fotografija. Il-ħila tiegħu ġiet imfaħħra minn bosta ditti barranin. Huwa rebaħ l-ewwel prempju fost aktar minn 1,000 kompetitur fil-Konkors li ġie mniedi mid-ditta ADOX fl-1959. Kien iħobb jieħu ritratti ta' xeni Maltin u kien jiddeletta kemm f'ritratti suwed u bojod kif ukoll bil-kulur. Ir-ritratti tiegħu dehru f'diversi kalendarji u fuq kartolini.

Dun Frans kellu għal qalbu l-batut u ż-żgħir. Huwa għex fil-faqar u anke lil ommu kien jgħidilha : *"Ibkini jekk ninsa lill-batut."* Għan ewlieni li kien jisħaq ħafna fuqu hi l-għaqda fil-Ħamrun, speċjalment bejn iż-żewġ baned tal-festa. Lejn l-aħħar ta' ħajtu, Dun Frans naqsu sew id-dawl. Minkejja li b'xi mod baqa' jikteb, kienet għafsa ta' qalb kbira għalih li ma setax ikompli fil-fotografija.

Dun Frans Camilleri miet nhar il-5 ta' Diċembru 1990 fl-età ta' 71 sena. Minkejja li m'għadux magħna, Dun Frans jibqa' ħaj fil-kitbiet letterarji kif ukoll fl-għadd kbir ta' innijiet li ħallilna. Nixtieq nispiċċa bi strofa mill-poeżija *Dan biss nitolbok*

*Nessi, jekk trid Mulej*
*meta mmut jiena,*
*nessi għal kollox ismi*
*u ordom qabri u ismi*
*taħt it-trab tan-nisi*
*biex hawn ma jibqa'*
*xejn li jfakkar fija*
*lin-nies tad-dinja.*